| KUNSILL LOKALI SANTA VENERA | | SANTA VENERA LOCAL COUNCIL |
|---|---|---|

**30/19**

**It-Tletin (30) laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar is-22 ta' Settembru, 2014 fis-6.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużat:** | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| **Assenti:** | Is-Sur Gianluca Degabriele | - | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**Aġenda:**

1. Talba
2. Qari w approvazzjoni tal-minuti
3. Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti
4. Korrispondenza
5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni
6. Ilmenti
7. Ordnijiet tal-Ġurnata:
   a) Jum l-Anzjani
8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati
9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
10. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

Is-segretarju nforma lill-Kunsilliera li kien irċieva komunikat li l-Kunsillier is-Sur Anastasi sabiex jiġi skużat għall-laqgħa.

## 2. *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*

2.1 Il-Minuti 29/19 ttieħdu bħala moqrija

2.2 **Korrezzjoni tal-Minuti 29/19**

2.2.1 Minuta 3.1 - titneħħa l-kelma "issir" u ssir "isir".
2.2.2 Minuta 3.1 – titneħħa l-kelma "Sinkdu" u ssir " Sindku".
2.2.3 Minuta 3.1 – titneħħa l-kelma "persona" u ssir "persuna".

2.2.4 Minuta 4.3 – wara l-kelma "tournament" tiżdied il-kelma "tal-Boċċi".
2.2.5 Minuta 4.6 – titneħħa l-kelma "Awtrotia" u ssir "Awtorita'"
2.2.6 Minuta 7(a)- titneħħa l-kelma "Decoration" u ssir "Decorations"
2.2.7 Minuta 7(b)- titneħħa l-kelma "Lini" u ssir "Linji"
2.2.8 Minuta 9.2 - wara l-kelma unanimament tiżdied il-frażi "iżda s-Sur Anastasi ssuġġerixxa li tinġieb kwotazzjoni mingħand Logografix".
2.2.9 Minuta 9.4 – titneħħa l-frażi "hemn il-ħsieb li garaxx jinbdel b'sala" u ssir "hemm il-ħsieb li garaxx jinbidel f'sala"

2.3 Il-Minuti tal-laqgħa 28 ġew approvati unanimament wara li ġew ikkoreġuti.

**3. Affarijiet li jitqajmu mill-minuti**

3.1 Minuta 4.5 - Is-Sindku nforma lill-membri li Trasport Malta approvat it-talba ta' Arzella Childcare centre sabiex isir reserved parking. Il-Kunsill huwa tal-fehma li tintuża l-Loading/Unloading bay ta' quddiem Flaherty. Barra minn hekk s-Sindku qal alternattiva oħra hi li tintuża dik ir-reseved parking li hemm quddiem dar 375, Triq il-Kbira San Gużepp minħabba l-fatt li jidher li din m' għadhiex tintuża. Is-Sindku qal li l-ewwel irridu niċċekjaw ma' Transport Malta.

Il-Membri qablu unanimament.

3.2 Minuta 7(c) - Is-Sindku informa lill-membri li fuq iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum jidher li ser tkun diffiċli li l-Kunsill juża Umberto Calosso. Filwaqt li l-unika possibbilta' li s-Sindku qed jara huwa li naraw il-post alternattiv ġewwa l-iskola ta' Marija Assunta. Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill kiteb lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill jingħata approvazzjoni sabiex issir estenzjoni tal-kuntratt attwali mas-Sur Joseph Muscat.

Il-Membri qablu unanimament.

3.3 Minuta 9.3 – Is-Sindku rrimarka dwar ħsara li qed issir minn egħruq ta' siġar li qegħdin fi Triq Pietru Dacoutros u li kienu tħawlu minn xi minn xi residenti fis-snin li għaddew.

Fis-6:55 pm wasal wieħed mill-membri tal-Kunsill is-Sur Jonathan Brimmer.

**4. Korrispondenza**

4.1 Is-Sindku nforma lill-membri dwar korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand il-ħaddiema tal-Kunsill is-Sur Lino Busuttil u is-Sinj. Sharon Mifsud. Is-Sinjuri qed jitolbu sabiex jinbidel il-ħin tax-xitwa jibdew jaħdmu fis-7.30 ta' filgħodu minflok fit-8.00 ta'filgħodu u jispiċċaw fl-4.30 ta' filgħaxija minflok fil-5.00 ta' filgħaxija.

Is-Sindku flimkien mall-membri qablu li huma ser jilqgħu din il-proposta bi prova sa Diċembru, 2014.

4.2 Is-Sindku nforma lill-membri dwar korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sinjura Carmen Sammut li qegħdha tagħmel Masters in Adult Education. Is-Sinjura Sammut qed titlob sabiex tuża s-sala tal-Kunsill ħalli tagħmel 15-il siegħa teaching practice lir-residenti adulti. Dawn il-lezzjonijiet ser ikunu mifruxa fuq seba' ġimgħat u ser jibbenefikaw minnhom residenti Vendriżi. Is-Sindku rrimarka li m'għandu l-ebda oġġezzjoni dment li s-Sinjura Sammut tuża s-sala fil-ħin ta' filgħodu meta jkunu miftuħa l-uffiċini tal-Kunsill.

Il-Membri qablu unanimament.

4.3 Is-Sindku nforma lill-membri dwar it-talba li l-Kumpanija Resin and Membrane Centre ta' Triq il-Ferrovija għamlu sabiex issir loading/unloading bay minħabba n-natura tax-xogħol tagħhom.

Is-Sindku flimkien mall-membri qablu unanimament li għandha ssir applikazzjoni ma' Transport Malta. Pero l-Kunsill irrimarka li għandha tintuża loading/unloading parking bay li hemm fi Triq iż-Żonqor peress li kemm diġa problema bil-MITA..

4.4 Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-korrispondenza li l-Kunsill irċieva dwar il-titqiba staġonali tal-influewnza. Apparti minnhekk is-Sindku qal li r-residenti jistgħu japplikaw fil-bini tal-Kunsll u kif ukoll miċ-Ċentru ta' Matul il-Jum sal-Ħamis 16 t'Ottubru, 2014. Barra minnhekk huwa qal li ser isir kuntatt man-nurse li kien ġie sena ta' qabel fejn jien offra servizz b'xejn. It-titqiba ser tingħata fiċ-Ċentru ta' matul il-Jum.

Il-Membri qablu unanimament.

4.5 Is-Sindku nforma lill-membri dwar l-iskema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2014-2015 bl-iskop li tkompli tħeġġeġ partecipazzjoni f'attivita' sportiva. Wara diskussjoni ġie deċiż li l-Kunsill jippartecipa fl-iskema fejn alloka €2000 li €1000 minnhom jingħataw lura.

Il-Membri qablu unanimament

**5. Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni**

Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha.

**6. Ilmenti**

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 525 sa lment numru 544.

Id-deċiżjonijiet tagħhom huma dawn:

| | |
|---|---|
| 525 | Azzjoni ttieħdet |
| 526 | Azzjoni ttieħdet |
| 527 | Logografix |
| 528 | Ħaddiema Assenjati |
| 529 | Ħaddiema Assenjati |
| 530 | Transport Malta |
| 531 | Koptasin |
| 532 | Hemm taħdidiet ma' TM għax it-Triq kienet saret ħażin |
| 533 | It-tul tal-Parking Bay qiegħed skont il-liġi |
| 534 | Każ irrapurtat lil WSC |
| 535 | Koptasin |
| 536 | Ma tistax issir |
| 537 | Napplikaw ma' Enemalta |
| 538 | Ġardinar |
| 539 | Central Asphalt |
| 540 | Logografix |
| 541 | Ġardinar |
| 542 | Contact Manager |
| 543 | Bhal ilment 539 |
| 544 | Ħaddiema Assenjati |

**7. Ordnijiet tal-Ġurnata**

**a) Jum l-Anzjani**

Is-Sindku staqsa lis-Sur Mangani dwar il-preparazzjoni dwar Jum l-Anzjan. Is-Sur Mangani informa lill-membri li Jum l-Anzjani flimkien ma Jum in-Nanniet ser jiġi ċċelebrat fit-12 t'Ottubru, 2014 b'quddiesa fid-disgħa ta' filgħodu fil-preżenza tal-Eċċellenza tagħha il-President ta' Malta s-Sinjura Marie Louise Coleiro Preca. L-istess quddiesa ser tkun mxandra diretta fuq it-televiżjoni. Wara l-quddiesa jkun hemm festin zgħir għall-Anzjani u n-Nanniet preżenti. Ġie deċiż li għal dan il-festin ser tkun allokata s-somma ta' €150.

Il-Membri qablu unanimament.

**8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati**

Ġew ippreżentati l-minuti tat-tielet laqgħa tas-sotto Kumitat ta' l-Anzjani, Persuni bi bżonnijiet specjali u l-familja liema laqgħa saret fil-5 ta' Marzu, 2014.

**9. Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

9.1 Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-problema ta' Trejqet Fleur de Lys minħabba li r-residenti li joqgħodu fit-toroq tal-madwar mhux qed ikunu jistgħu jidħlu fi djarhom fil-ħinijiet

li jidħlu u joħorġu l-istudenti mill-iskola. Fuq dan ir-rigward is-Sindku qal li bħalissa għaddejja konsultazzjoni kontinwa sabiex tinstab soluzzjoni sabiex ir-residenti ma jibghux jaffaċċjaw dawn il-problemi li lhom jippersistu għal divesi snin.

9.2 Is-Sindku nforma lill-membri li TM approvat Loading/Unloading Bay fi Triq il-Kanun quddiem il-Burton.

**10. Aġġornament**

L-aġġornament tal-laqgħa ġiet iffissata għal nhar it-Tnejn 27 t'Ottubru, 2014 fis-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.55 ta' filgħaxija.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum: